MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 711/2010

**David Camilleri (Karta tal-Identita` Numru 130868M), Ian Camilleri (Karta tal-Identita` Numru 333750M), Robert Mifsud (Karta tal-Identita` Numru 237474M) u Marika Tonna (Karta tal-Identita` Numru 163665M)**

**vs**

**Segretarju Permanenti Ewlieni gja Direttur Generali (Management and Personnel Office) fl-Ufficcju tal-Prim Ministru li b'digriet datat 26 ta' Jannar 2011 gie sostitwiet bid-Direttur Generali Public Administration Human Resources Office fl-Ufficcju tal-Prim' Ministru.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' David Camilleri (Karta tal-Identita` Numru 130868M), Ian Camilleri (Karta tal-Identita` Numru 333750M), Robert Mifsud (Karta tal-

Identita` Numru 237474M) u Marika Tonna (Karta tal-Identita` Numru 163665M) datat 14 ta’ Lulju 2010 a fol. 1 tal-process fejn David Camilleri (Karta tal-Identita` 130868M) bil-gurament tieghu espona: -

Illi permezz ta’ kuntratt ta’ impjieg tal-1 ta’ Settembru 2006, (Dok “A” sa “D”) l-atturi gew ingaggjati bhala konsulenti fi hdan il-*Management Efficiency Unit* fl-Ufficcju tal-Prim’ Ministru u dan wara process ta’ ristrutturar fejn l-impjegati kollha tal- *Management Efficiency Unit* inghataw kuntratt gdid ta’ impjieg li ssostitwixxa l-kuntratt ta’ mpjieg kurrenti taghhom.

Illi bis-sahha tal-klawsola 5.05.3 ta’ l-imsemmi ftehim kull wiehed mill-atturi huma ntitolati ghall-hlas ta’ *fuel allowance* ta’ disgha mija u hamsin Lira Maltin (Lm950) *ossia* elfejn mitejn u tnax-il ewro u disghin centezmu (€2,212.90) li ghandhom jithallsu fl-ahhar ta’ kull perjodu ta’ erba’ gimghat.

Illi l-imsemmija klawsola 5.05.3 testwaLment tghid hekk:

*“The Employee is entitled to Lm1,380 per annum as transport allowance for the use of his/her private car and a fuel allowance of Lm950 to be paid at the end of each four-weekly payroll period”.*

Illi huwa importanti li wiehed jara minn fejn originat din il-klawsola. Dan l-*allowance* kien gja ezistenti f’kuntratti precedenti tar-rikorrenti mal-intimat (Dok “E”) u storikament kull kuntratt kien dejjem jispecifika l-ammont dovut kull perjodu ta’ hlas ta’ paga u mhux kull sena. Hekk per ezempju fil-kuntratt ta’ impjieg tal-attur Ian Camilleri tal-20 ta’ Novembru 1997, fi klawsola 5.06.1 insibu:

*“The Employee is entitled to Lm100 per month as transport re-embursement for the use of his private car and Lm40 fuel allowance per month”.*

Illi l-imsemmija klawsola tbiddlet fil-kuntratt ta’ impjieg tal-imsemmi attur tat-23 ta’ Jannar 2001, fejn insibu:

*“The Employee is entitled to Lm115 per month as transport re-imbursement for the use of his private car and a fuel allowance equivalent to 140 litres or regular petrol per month or its equivalent”.*

Illi ta’ min jinnota t-tibdil li sar fil-hlasijiet ta’ dawn l-*allowances* minn kuntratt ghall-iehor. Fil-kaz *tat-transport allowance* il-pagament tbiddel minn wiehed ta’ kull xhar ghal wiehed ta’ kull sena mentri fil-kaz tal-*fuel allowance* il-pagament tbiddel minn wiehed ta’ xahar ghal wiehed ta’ kull erbgha gimghat. Minn hawn jirrizulta b’mod car li l-intendiment tal-partijiet fil-kuntratt il-gdid ta’ impjieg kien proprju dak rifless fil-klawsola 5.05.3 tal-kuntratt il-gdid, senjatament li l-imsemmi ammont kellu jithallas kull erba’ gimghat.

Illi l-intimat hallas biss is-somma ta’ disa’ mija u hamsin Liri Maltin (Lm950) *ossia* elfejn mitejn u tnax-il ewro u disghin centezmu (€2,212.90) fis-sena abbazi ta’ pretensjoni li l-imsemmi ammont huwa dovut kull sena, meta dan mhuwiex rifless la fil-kuntratt ta’ impjieg tar-rikorrenti u lanqas fin-negozjar tal-pakkett finanzjarju ta’ rimunerazzjoni li kellha tkun dovuta lir-rikorrenti ghall-ingagg taghhom taht kuntratt gdid ta’ impjieg.

Illi din is-somma dovuta bhala *fuel allowance* kull erba’ gimghat inghatat lir-rikorrenti fl-isfond tan-negozjar tal-kuntratt gdid ta’ impjieg taghhom. F’dan il-process il-Gvern ried johloq bilanc bejn min-naha l-wahda li jirregola l-kuntratti ta’ mpjieg ghal zmien definit tal-impjegati kollha fis-settur pubbliku u japplika l-istess gradi ta’ paga applikabbli ghal impjegati ohra b’kuntratt indefinit skont il-koncertina, u min-naha l-ohra li jibqa’ kompetittiv mas-settur privat sabiex ihajjar u jzomm fl-impjieg mieghu professjonisti f’dan il-qasam. Kien ghalhekk li giet offruta din is-somma bhala *allowance* lill-atturi sabiex tikkompensa ghat-telf tal-paga bazika taghhom kawza ta’ dan il-process u ghal numru ta’ beneficcji li kienu intitolati ghalihom ir-rikorrenti abbazi tal-kuntratt ta’ impjieg kurrenti u li kienu ser jigu eliminati fil-kuntratt ta’ impjieg il-gdid, fosthom: i) it-tnaqqis tal-perjodu ta’ impjieg taghhom minn erba’ snin ghal tliet snin u t-telf finanzjarju li dan igib

mieghu, ii) it-telf ta’ revizjoni perjodika tal-paga, li kienet implimentata fi sfond ta’ *“market correctivity exercise”* ntiza li tirregola l-paga ta’ impjegati tal-*Management Efficiency Unit* ma’ dawk fis-settur privat u b’hekk izzomomhom kompetittivi, kif ukoll telf ta’ *private health insurance cover* ghall-familja kollha.

Illi fid-diskussjonijiet dwar ir-ristrutturar *tal-Management Efficiency Unit,* l-atturi kienu dejjem infurmati li l-hsieb wara r-ristrutturar kien li l-istruttura tal-*Management Efficiency Unit tinbena fuq bazi ta’ “a small core of highly paid consultants”* u kien f’dan il-kuntest li gie nnegozjat il-kuntratt ta’ impjieg tal-atturi, li nghataw l-assigurazzjonijiet kollha li kienu ser jircievu paga li hija kompetittiva ma’ dawk offruti fis-settur privat sabiex tigi ndirizzata ukoll il-problema ta’ telf sostanzjali ta’ impjegati b’esperjenza lejn is-settur privat, kif ukoll li tikkumpensa ghat-telf ta’ beneficcji fil-kuntratt il-gdid.

Illi l-atturi huma l-unici konsulenti specjalizzati fil-qasam ta’ *public service management* li gew ingaggjati mill-Gvern fuq bazi *full-time* u ghaldaqstant jifformaw dan il-*core group* li fuqu kellu jinbena il-*Management Efficiency Unit* wara l-process ta’ ristrutturar.

Illi kieku kif qieghed jikkontendi issa l-Gvern, li l-imsemmi *petrol allowance* huwa dovut kull sena, dan ifisser li wara ghaxar snin ta’ impjieg, u fil-kaz ta’ uhud mill-atturi, wara numru ta’ *promotions,* l-atturi qeghdin jircievu paga relattiva inqas minn dik li kienu jircievu meta bdew l-impjieg taghhom mal-Gvern. Kif indikat fid-dokument anness u mmarkat Dok.F, li kieku wiehed kellu jqabbel il-paga bazika ta’ impjegati *tal-Management Efficiency Unit* mal-paga bazika kif stabbilita permezz tal-koncertina jirrizulta li l-atturi Ian Camilleri u Marika Tonna rispettivament, jinzlu tliet u zewg gradi fil-paga wara ghaxar snin, l-attur David Camilleri jinzel grad fil-paga wara ghaxar snin u wara zewg *promotions,* u l-attur Robert Mifsud jibqa’ fl-istess grad wara ghaxar snin u wara tliet *promotions.* U dan kollu minghajr ma wiehed jqabbel dawn il-figuri mal-pagi fis-settur privat kif kellu jsir bil-*periodic wage adjustment* fil-kuntratt precedent ta’ l-

atturi. Minn hawn jirrizulta car li l-interpretazzjoni tal-intimat tal-klawsola 5.05.03 hija manifestament zbaljata u tmur kontra kull principju ta' impjieg f'dan ir-rigward.

Illi l-paga flimkien mal-*allowance* ta' Lm950 kull erba' gimghat hija ukoll komprabbli ma' pagi li kienu offruti fil-passat lil konsulenti ohra *tal-Management Efficienty Unit.*

Illi l-intimat naqas li jhallas lir-rikorrenti l-imsemmi *fuel allowance* skont kif pattwit minnu fl-imsemmi kuntratti ta' impjieg.

Illi ghalhekk hija dovuta s-somma ta' mija u erbat elef, mija u sitta u sebghin ewro u sebgha u sittin centezmu (€104,176.67) lil kull wiehed mir-rikorrenti.

Illi l-intimat ghalkemm interpellat permezz tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Jannar 2010 sabiex ihallas l-ammont dovut minnu lil kull wiehed mir-rikorrenti baqa' inadempjenti.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li abbazi tal-klawsola 5.05.3 tal-kuntratt ta' impjieg tar-rikorrenti tal-1 ta' Settembru 2006 kull wiehed mill-atturi huma ntitolati ghall-hlas ta' *fuel allowance* ta' disgha mija u hamsin Liri Maltin (Lm950) *ossia* elfejn mitejn u tnax-il ewro u disghin centezmu (€2,212.90) kull erba' gimghat.

2. Tiddikjara li l-intimat naqas milli jonora l-obbligi minnu assunti fl-imsemmi kuntratt ta' mpjieg ghall-hlas ta' *fuel allowance* lil kull wiehed mir-rikorrenti kif stipulat fl-imsemmija klawsola 5.05.3.

3. Konsegwentement tiddikjara li huwa debitur fil-konfront ta' kull wiehed mir-rikorrenti fl-ammont ta' mija u erbat elef, mija u sitta u sebghin ewro u sebgha u sittin centezmu (€104,176.67).

4. Tordna lill-intimat ihallas is-somma ta' mija u erbat elef, mija u sitta u sebghin ewro u sebgha u sittin centezmu (€104,176.67) lil kull wiehed mir-rikorrenti.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Jannar 2010 u bl-interessi legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa minn issa huma ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 5 sa 101 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri ghat-12 ta' Ottubru 2010.

Rat ir-risposta tal-intimat Segretarju Permanenti Ewlieni datata 13 ta' Settembru 2010 fejn Dr Godwin Grima, Segretarju Permanenti Ewlieni fl-Ufficcju tal-Prim' Ministru espona illi: -

1. Preliminarjament in-nuqqas ta' notifika tal-Avukat Generali bir-rikors promutur u d-dokumenti mieghu *ai termini* tal-**artiklu 181B (3) tal-Kap 12** u ghalhekk l-ebda terminu ghadu ma beda jiddekorri.

2. Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju, illum il-kariga ta' Direttur Generali Management and Personnel Office fl-Ufficcju tal-Prim' Ministru tezisti fil-kariga ta' Direttur Generali Public Administration Human Resource Office (PAHRO) u ghalhekk dan huwa l-intimat korrett li kellu jitharrek, anke ghaliex il-kuntratt ta' mpjieg tar-rikorrenti ma kienx sar mas-Segretarju Permanenti Ewlieni imma mad-Direttur Generali Management and Personnel Office. Ghalhekk ghandha ssir korrezzjoni f'dan is-sens.

3. Illi fil-mertu r-rikorrenti qed jaghtu interpretazzjoni assurda lill-klawsola 5.05.3, liema interpretazzjoni qed tinghata konsapevolment biex jarrikku ruhhom indebitament f'somma esorbitanti li tirrapprezenta biss *fuel allowance.* Dan l-agir rikorrenti jikser l-**artiklu 993 tal-**

**Kodici Civili** li jipprovdi li kuntratt ghandu jithaddem *b'bona fede*.

4. Illi kif se jkun ippruvat fil-mori ta' din il-kawza, l-intenzjoni tal-intimat fil-mument tal-iffirmar tal-kuntratt kienet li l-*fuel allowance* kienet somma ta' Lm950 fis-sena, pagabbli f'rati mensili. Din kienet l-unika intenzjoni tal-intimat wara din il-klawsola u kull interpretazzjoni ohra li tista' tinghatalha tkun tfisser li dik il-klawsola hija nulla ghax jonqosha l-kunsens kontrattwali tal-intimat ghal dik il-klawsola b'dik it-tifsira l-ohra. Certament li l-intimat qatt ma offra, u qatt ma ried joffri, impjieg lir-rikorrenti jew lil xi hadd iehor li ghandu *fuel allowance* li tlahhaq €28.767 (Lm12,350) fis-sena!

5. Illi kieku wiehed kellu jezamina din il-klawsola 5.05.3 bir-reqqa, jirrizulta car minnha li l-klawsola qed issemmi figura li tithallas fis-sena minhabba l-uzu tal-karozza privata (u cioe' Lm1,380). Tissemma' figura li tithallas fis-sena biex jinxtara *fuel* (Lm950). Imbaghad l-istess klawsola, wara li ssemmi l-*quantum*, tispjega l-modalita' tal-hlas ta' dawn iz-zewg somom u cioe' li dawn jithallsu f'rati mensili. Din il-frazi tirreferi ghaz-zewg figuri u mhux ghall-figura tal-ahhar biss. Huwa minnu li din il-klawsola m'ghandhiex il-kliem 'per annum' wara l-figura ta' Lm950 u lanqas hemm imnizzel kemm hi r-rata mensili li fiha din is-somma trid titqassam. Pero' dan ma jfissirx li l-*fuel allowance* stipulata hija somma li ghandha tithallas kull xahar. Ukoll l-intimat jistaqsi: Jaghmel sens logiku li xi hadd jinghata *fuel allowance* li hija kwazi disa' darbiet iktar mill-*allowance* ghall-uzu tal-istess karozza? Dan aktar u aktar meta wiehed jiehu konjizzjoni tan-natura tax-xoghol, f'pajjiz hekk ckejken bhal Malta.

6. Illi skont il-ligi u skont il-gurisprudenza tal-Qrati Maltin u t-taghlim tal-awturi, hu ben stabbilit li kuntratt irid jinghata tifsira u nterpretazzjoni ragonevoli u mhux wahda li ma taghmilx sens jew li tmur lil hinn mill-ispirtu tal-kuntratt.

7. Illi l-**artikli 1003 et seq tal-Kodici Civili** jitolbu li meta hemm dubju dwar l-interpretazzjoni ta' klawsola f'kuntratt, din ghandha tkun interpretata b'mod li:

a. tirrifletti l-intenzjoni tal-partijiet kollha f'kuntratt. L-intenzjoni tal-intimat rigward din il-klawsola kienet u baqghet dejjem l-istess u cioe' li l-*fuel allowance* kellha tkun Lm950 fis-sena, pagabbli f'rati mensili. Fil-fatt l-intimat sa mill-iffirmar tal-kuntratt dejjem hekk interpretaha u haddimha, u hallas rati mensili li kienu jammontaw ghal Lm950 fis-sena.

b. tirrifletti l-ispirtu tal-bqija tal-kuntratt. Fil-fatt l-**artikli 1005 u 1008** jitolbu li interpretazzjoni ta' klawsola ghandha tkun fl-istess linja ta' interpretazzjoni tal-bqija tal-klawsoli fil-kuntratt. Minn qari tal-kuntratt, jidher car li l-*allowances* kollha huma mnizzla bhala hlas fis-sena. Ghalhekk m'hemm l-ebda raguni ghaliex il-*fuel allowance* msemmija ghandha tkun interpretata mod iehor.

c. tiffavorixxi lil min ghandu l-piz u l-obbligi fuqu f'dik il-klawsola. Hu car li l-parti li ghandha l-obbligi fuqha fil-klawsola 5.05.3 tal-kuntratt in kwistjoni hija l-intimat, li jrid ihallas *fuel allowance* lir-rikorrenti. Ir-rikorrenti m'ghandhom l-ebda obbligu f'din il-klawsola. Ghalhekk f'kaz ta' dubju, ghandha tirbah l-interpretazzjoni li qed jaghti l-intimat lil din il-klawsola.

8. Illi prova ohra tal-intenzjoni originali wara din il-klawsola huwa l-Memorandum intern datat 18 ta' Settembru 2006 li kien sar sabiex jindika l-linji gwida dwar *fuel allowance* fil-kuntratti li kellhom isiru mal-impjegati tal-MEU nkluz ir-rikorrenti. Dan il-Memorandum jindika bic-car, lil hin minn kull dubju, li l-intenzjoni wara l-klawsola 5.05.3 kienet sa mill-bidu nett hlas ta' *allowance* ANNWALI ta' Lm950. Jekk irridu li ninterpretaw din il-klawsola b'*bona fede*, dan hu l-uniku mod kif tista' tkun interpretata din il-klawsola. L-esponent qed jesebixxi kopja ta' dan il-memorandum markat bhala Dok. "OPM 1" u jigbed l-attenzjoni ghall-partijiet immarkati bl-isfar.

9. Illi bejn l-iffirmar tal-kuntratt f'Settembru tal-2006 u Novembru 2009, ir-rikorrenti kollha rcevew *fuel allowance* f'rati mensili mhallsa kull erba' gimghat mal-pagi, li b'kollox jammontaw ghal Lm950 fis-sena u huma accettawhom minghajr ma qatt lissnu xi lment. Fil-fatt ir-rikorrenti ghadhom sal-lum jircievu l-istess ammont f'rati mensili kull erbgha gimghat, ghat-total ta' €2212.90 (Lm950) fis-sena. Ghalhekk issa r-rikorrenti ma jistghux iressqu nterpretazzjoni li hi kuntrarja ghal dak li huma accettaw ghal sentejn shah. Ghal din ir-raguni, l-intimat isostni li l-interpretazzjoni tar-rikorrenti li twassal ghal talba ta' somma ezorbitanti hi wahda li qed issir b'*mala fede* u b'konsapevolezza, anke in vista tal-fatt li kien se jaghlaq il-kuntratt imsemmi in kwistjoni. Barra minn hekk fis-7 ta' Dicembru 2007, l-impjieg tar-rikorrenti sar fuq bazi indefinita bl-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar il-*fixed term employment* u ghalhekk is-sitwazzjoni taghhom issa giet li hadu zieda fil-pagi u hlasijiet ohra a bazi tal-kuntratt datat l-1 ta' Settembru 2006, u saru tal-post.

10. Illi r-rikorrenti jittentaw iqabblu l-kundizzjonijiet ta' mpjieg fil-kuntratt in kwistjoni, mal-kuntratt ta' mpjieg li kellhom qabel. L-intimat jirrileva li fil-fatt bejn wiehed u iehor, il-valur ta' car u *fuel allowances* li kienu jiehdu r-rikorrenti baqghu l-istess bejn il-kuntratt ta' qabel l-2006 u l-kuntratt in kwistjoni. Anzi l-intimat jghid li r-rikorrenti ibbenefikaw xi ftit ukoll fuq dawn. Dwar dan l-esponent jaghmel referenza ghal prospett anness u mmarkat Dok OPM 2. Ghalhekk jidher car li l-interpretazzjoni tal-intimat hija anke fil-linja tal-kuntratt precedenti li kellhom ir-rikorrenti.

11. Illi rigward l-allegazzjoni tar-rikorrenti li sar xi *restructuring* fl-istruttura tal-Management Efficiency Unit, l-esponent jinsisti li kull ma sar kien aggornament tal-pagi u hlasijiet ohra li jinghataw lill-impjegati u ma sar l-ebda *restructuring* fil-mod kif inhu organizzat dan il-Unit. Fil-fatt l-istruttura tal-MEU baqghet kif kienet. Ghalhekk l-argumenti tar-rikorrenti bbazati fuq dan il-fatt zbaljat ma jreggux. Lanqas ma jreggi l-argument tar-rikorrenti li sar xi ristrutturar fl-MEU fl-ambitu ta' xi ristrutturar ikbar fis-settur

pubbliku kollu. Li sar fl-MEU, kif kien qed isir fis-settur pubbliku kollu, kien aggornament tal-pagi u hlasijiet fil-kuntest ta' izjed kontroll fuq in-nefqa pubblika.

12. Illi rigward l-allegazzjoni tar-rikorrenti li fit-trattattivi ghall-iffirmar ta' dan il-kuntratt sar xi diskors jew xi ftehim dwar it-twaqqif ta' *core group* ta' mpjegati minn fost l-impjegati tal-MEU, dan mhux minnu lanqas u ma jirrizulta mill-ebda dokumentazzjoni. Anzi jinghad li l-impjegati kollha tal-MEU hadu zieda fil-paga u *allowances* u mhux ir-rikorrenti biss, u dan sar f'kuntest ta' konsolidament ta' finanzi pubblici li kien fis-sehh.

13. Illi rigward allegazzjoni ohra tar-rikorrenti li l-pagi taghhom ghandhom ikunu mqabbla strettament mal-pagi fis-settur privat, dan hu argument li ma jreggix lanqas. L-*Management Efficiency Unit* hu unit fis-settur pubbliku mhux fis-settur privat u din ir-realta' trid tigi riflessa fil-hlas li wiehed jaghti lill-impjegati ta' dan il-Unit. Lanqas jaghmel sens ekonomiku li xi hadd f'Malta jinghata dak l-ammont ta' *fuel allowance* f'impjieg. Dan ghar-raguni ovvja li Malta hi pajjiz zghir u ghalhekk id-distanzi huma distanzi qosra. Jinghad ukoll li x-xoghol tar-rikorrenti ma jitlobx wisq hrug barra mill-ufficcju. L-intenzjoni wara li tinghata *fuel allowance* hi biex l-impjegati jkunu koperti f'kaz ta' xi laqghat barra mill-ufficcju fejn juzaw il-vettura privata taghhom.

14. Illi mbaghad rigward l-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-*fuel allowance* intuzat biex taghmel tajjeb ghal paga relattivament baxxa li jircievu huma, l-esponent jissottometti li dan mhux minnu, anzi qatt ma kkunsidra jew taha x'jifhem li se jikkunsidra li l-*fuel allowance* jew xi *allowance* iehor kien qieghed jinghata minflok xi zieda fil-paga bazika tal-impjegati tal-MEU, nkluz tar-rikorrenti. L-esponent isostni li l-intenzjoni tieghu kienet dejjem li in *bona fede*, jaghti allowances fejn dawn huma dovuti u li jirrifletti verament fil-forma u l-ammont, in-natura tax-xoghol tal-MEU.

15. Illi jinghad ukoll li l-prassi generali u kostanti fl-ghotja ta' *allowances* simili fis-settur pubbliku hija li s-somom

stipulati bhala *allowances* jinghataw fuq bazi annwali. Hemm minnhom li jithallsu bhala *lump sum* darba fis-sena u hemm minnhom li jithallsu f'rati mensili jew kull erbgha gimghat, mas-salarju.

16. Illi jinghad ukoll li kif se jirrizulta mill-provi, kuntratti ta' impjegati ohrajn tal-MEU u wkoll band' ohra mal-Gvern u fil-privat jistipulaw ghal hlasijiet ta' *fuel allowance* li f'ebda kaz ma huma stravaganti u ezorbitanti daqs dawk li qed jippretendu l-atturi. Per ezempju fl-MEU stess, il-karigi immedjatament taht il-kariga ta' Consultant (ir-rikorrenti ghandhom kollha kariga ta' Consultant), cioe' l-karigi ta' Senior Associate Consultant, Associate Consultant u Research Analyst huma ntitolati ghal Lm850 *per annum* bhala *an all inclusive transport allowance for the use of his/her private car to be paid at the end of each four weekly payroll period.* Dwar dan, l-esponent jaghmel referenza ghal klawsola 5.05.3 fil-kuntratt ta' Associate Consultant, liema kuntratt hu fis-sehh bhalissa, anness u markat bhala Dok OPM 3, naturalment bid-dettalji tal-impjegat imnehhija minhabba l-privatezza.

17. Illi kif se jkun ukoll ippruvat f'din il-kawza, jinghad ukoll li fl-ezercizzju ta' aggornament tal-pagi u hlasijiet li sar fl-MEU, l-ebda zieda f'pagi jew *allowance* ma kienet daqshekk kbira daqs kemm ir-rikorrenti qed jippretendu li hi l-*fuel allowance* li ghandhom jircievu. Dan jirrifletti l-kuntest ekonomiku u fiskali fil-perjodu ta' meta sar dan l-aggornament.

18. Illi *inoltre*, *dato ma non concesso* illi l-klawsola in kwistjoni tittiehed illi tfisser dak li jriduha tfisser ir-rikorrenti, ir-rikorrenti ghandhom igibu prova tas-somma li qed jallegaw li hi dovuta lilhom, inkluz b'ircevuti fiskali tal-hlas ta' fuel mixtri minnhom u wzat minnhom ghall-fini tal-impjieg taghhom.

19. Illi wkoll, *dato ma non concesso* illi l-klawsola in kwistjoni tittiehed illi tfisser dak li jriduha tfisser ir-rikorrenti, dak li r-rikorrenti qeghdin jittantaw li jiksbu jikkostitwixxi arrikkiment indebitu flagranti a spejjez tal-konvenut Segretarju Permanenti Ewlieni, u ghaldaqstant

il-klawsola in kwistjoni m'ghandhiex tinghata effett u ghandha tkun dikjarata nulla ghax nieqsa mill-kunsens taz-zewg partijiet fil-kuntratt.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontrihom.

Rat il-**kontro talba** tal-intimat Segretarju Permanenti Ewlieni a fol 112 tal-process fejn Dr Godwin Grima, Segretarju Permanenti Ewlieni fl-Ufficcju tal-Prim' Ministru espona : -

1. Illi r-rikorrenti f'din il-kawza qed jaghtu nterpretazzjoni esagerata u b'*mala fede* ta' klawsola 5.05.03 tal-kuntratt ta' mpjieg li huma ffirmaw mal-intimat fl-1 ta' Settembru 2006 b'mod li qed jitolbu l-hlas ta' somma ezorbitanti ta' *fuel allowance* ghax qed jallegaw li ghandhom jircievu l-ekwivalenti f'ewro ta' Lm950 mal-paga kull erbgha gimghat (ekwivalenti gfial Lm12,350 fis-sena) u mhux Lm950 fis-sena.

2. Illi din qatt ma kienet l-intenzjoni tal-intimat meta dahal ghal dan il-ftehim u ffirmah, u hu qatt ma ried joffri mpjieg lir-rikorrenti, jew lil xi persuna ohra, bi *fuel allowance* marbuta mieghu li tithallas bir-rata ta' Lm950 kull erbgha gimghat jew €28,767 fis-sena.

3. Illi r-rikorrenti f'din il-kawza, proprju qed jitolbu li din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li l-interpretazzjoni korretta tal-klawsola 5.05.3 hija din, u ghalhekk qed jitolbu wkoll li din il-Qorti tordna lill-intimat ihallashom is-somma ta' €416,704 bejn ir-rikorrenti.

4. Illi ghalhekk *dato ma non concesso* li din l-Onorabbli Qorti ssib li l-interpretazzjoni li qed jaghtu r-rikorrenti ghall-klawsola 5.05.3 fil-kuntratt in kwistjoni hija l-interpretazzjoni korretta, allura l-esponent jitlob li din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li din il-klawsola hi nulla u bla effett *stante* li l-intimat qatt ma ta l-kunsens tieghu ghal dik il-klawsola b'dik l-interpretazzjoni.

5. Illi mbaghad *dato ma non concesso* li din l-Onorabbli Qorti ssib li l-interpretazzjoni korretta ta' din il-klawsola hi dik li qed jaghtu r-rikorrenti, u f'kaz li din il-Qorti ssib li din il-klawsola hija valida, allura l-esponent jitlob li din l-Onorabbli Qorti tiddikjara l-kuntratt ta' mpjieg bejn ir-rikorrenti u l-intimat rexiss minhabba li l-intimat mhux lest, u ma jistax joffri mpjieg lir-rikorrenti b'kundizzjonijiet li jinkludu €28,767 fis-sena *fuel allowance.*

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti ssib li l-interpretazzjoni korretta tal-klawsola 5.05.3 fil-kuntratt in kwistjoni tal-1 ta' Settembru 2006 hija l-interpretazzjoni li qed jaghtu r-rikorrenti, din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li din il-klawsola numru 5.05.3 fil-kuntratt in kwistjoni hi nulla u bla effett *stante* li l-intimat qatt ma ta l-kunsens tieghu ghal dik il-klawsola b'dik l-interpretazzjoni kif qed tkun interpretata mir-rikorrenti.

2. Fin-nuqqas ta' tali dikjarazzjoni ta' nullita' tal-klawsola 5.05.3, l-esponenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara l-kuntratt ta' mpjieg bejn ir-rikorrenti u l-intimat rexiss peress li l-intimat mhux lest u ma jistax joffri tali mpjieg b'kundizzjonijiet li jinkludu *fuel allowance* ta' €28,767 fis-sena.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti tal-kontro talba esebiti a fol. 113 sa 122 tal-process.

Rat ir-risposta tar-rikorrenti rikonvenuti datata 18 ta' Ottubru 2010 a fol 231 tal-process fejn David Camilleri (Karta tal-Identita` Numru 130868M) espona:

Illi t-talbiet tal-intimat rikonvenut huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess intimat rikonvenut ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti rikonvenuti huma bbazati fuq dak espressament pattwit bejn il-partijiet fil-kuntratt ta' impjieg tar-rikorrenti tal-1 ta' Settembru 2006, fil-klawsola 5.05.03 tal-istess;

2. Illi l-imsemmija klawsola hija miktuba bl-aktar kliem semplici, car u ma jhalli lok ghal ebda dubju dwar l-intenzjoni tal-partijiet, u ghaldaqstant ma hemmx lok ta' interpretazzjoni u dan skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 1002 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**;

3. Illi kif anke konsistentement ippronunzjaw ruhhom il-Qrati taghna, l-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li r-rabta kontrattwali ghandha tigi rispettata u l-volonta tal-partijiet kif espressa fil-kuntratt ghandha tipprevali u trid tigi osservata;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u kif premess fir-rikors promutur u kif ser jirrizulta mill-provi, l-intenzjoni tal-partijiet kif espressa fl-imsemmija klawsola 5.05.03 hija ukoll riflessa fil-kuntest kollu li fih gew negozjati l-kuntratti ta' impjieg il-godda tar-rikorrenti rikonvenuti.

5. Illi huwa ben risaput li fis-settur pubbliku, r-rimunerazzjoni globali ta' Impjegati mal-Gvern spiss tigi awmentata permezz ta' numru ta' *allowances* u beneficcji li jidhru ezorbitanti, izda meta mehudha flimkien mal-paga bazika jirrizulta li l-ammont globali huwa wiehed normali ghas-settur. Dan l-ezercizzju min-naha tal-Gvern sar fil-kaz tar-rikorrenti rikonvenuti u ghadu isir fil-prezent mill-Gvern sabiex ma jiddisturbax il-koncertina u fl-istess waqt ikun jista' jzomm il-pagi tieghu kompetittivi u b'hekk jghin biex jassigura li jkollu l-i*staff* mehtieg.

6. Illi fil-fatt ir-rikorrenti rikonvenuti qatt ma ntalbu sabiex jipprezentaw ricevuti relattivi ghal hlas ta' petrol ghall-hlas ta' dan *l-allowance* u lanqas prova li ghandhom fil-fatt karozza ghall-hlas tal-*car allowance* jew li wzaw l-istess karozza biex jaslu l-ufficcju jew biex imorru ghall-laqghat barra mill-ufficcju, u fil-fatt l-istess rikorrenti rikonvenuti kienu juzaw vettura tal-MEU sabiex jattendu ghal laqghat barra mill-ufficcju.

7. Illi per *di piu`*, kien biss wara li pprocedew legalment ir-rikorrenti rikonvenuti li l-intimat rikonvenut hareg b'din l-

interpretazzjoni tal-klawsola 5.05.03 li l-ammont indikat bhala *petrol allowance* kien dovut kull sena. Fil-fatt, matul is-snin li r-rikorrenti gibdu l-attenzjoni tal-amministrazzjoni ghan-nuqqas ta' hlas ta' *petrol allowance u* formalment ddiskutew l-istess, u dan fuq medda ta' aktar minn sentejn, qatt ma gew informati li l-Gvern kien qed jinterpreta l-klawsola b'dan il-mod u kull darba kienu jigu mweghda li s-sitwazzjoni kienet ser tigi indirizzata.

8. Illi ghalhekk jirrizulta li l-intenzjoni espressa tal-partijiet kienet dik riflessa fil-klawsola 5.05.03 u ghaldaqstant, it-talba tal-intimat rikonvenut ghal dikjarazzjoni ta' nullita` tal-imsemmija klawsola ghandha tigi michuda, u l-imsemmija klawsola ghandha tibqa' torbot lill-partijiet.

9. Illi konsegwentement it-talba tal-intimat rikonvenut ghar-rexissjoni tal-kuntratt ta' impjieg tar-rikorrenti rikonvenuti ghandha wkoll tigi michuda.

10. Illi fir-rigward ta' din it-tieni talba tal-intimat rikonvenut, jigi ukoll rilevat li l-kuntratt ta' impjieg huwa kuntratt specjali, regolat minn ligijiet specjali, u li l-fatt li l-intimat rikonvenut mhux lest u ma jistax joffri tali impjieg b'kundizzjonijiet espressament kontrattati minnu ma tammontax ghal raguni valida u sufficjenti fil-ligi sabiex jigi tterminat kuntratt ta' impjieg.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti, filwaqt li joghgobha tilqa' t-talbiet minnhom mressqa, joghgobha tichad it-talbiet tal-intimat rikonvenut, bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat il-lista tax-xhieda tar-rikorrenti rikonvenuti a fol. 233 tal-process.

Rat ir-rikors tar-rikorrenti datat 5 ta' Novembru 2010 a fol 353 tal-process fejn talbu lil din il-Qorti joghgobha tawtorizza d-debita korrezzjoni fl-okkju tal-kawza, u tissostitwixxi l-kliem "Segretarju Permanenti Ewlieni gja Direttur Generali *(Management and Personnel Office)* fl-Ufficcju tal-Prim' Ministru" bil-kliem "Direttur Generali

Public Administration Human Resource Office fl-Ufficcju tal-Prim' Ministru" fir-rikors guramentat u fl-atti kollha sussegwenti tal-kawza odjerna; u l-Qorti bid-digriet taghha tas-26 ta' Jannar 2011, *in vista* ta' dak maqbul u verbalizzat fis-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri fit-12 ta' Ottubru 2010 laqghet it-talba.

Rat l-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri flimkien max-xhieda kollha quddiemu prodotta u d-dokumenti hemm ipprezentati.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta quddiem din il-Qorti ghas-6 ta' Marzu 2012.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Marzu 2012 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Susan Sciberras ghall-konvenut, u Dr Peter Fenech ghall-atturi prezenti li talbu jipprezentaw nota. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefeggiet terminu lill-atturi ta' sittin (60) gurnata minn dan id-digriet bin-notifika lid-difensuri tal-kontro parti li jkollhom sittin (60) gurnata ghan-nota responsiva. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett t'ostakolu ghad-29 ta' Novembru 2012.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi datata 4 ta' Mejju 2012 a fol 361 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tad-Direttur Generali Public Administration Human Resource Office datata 6 ta' Awwissu 2012 a fol 382 tal-process.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Din hija kawza dwar interpretazzjoni tal-klawsola ta' kuntratt/i bejn l-atturi rispettivament u l-konvenut li jinsabu esebiti mar-rikors gurament li tipprovdi li:-

*"The Employee is entitled to Lm1,380 per annum as transport allowance for the use of his/her private car and a fuel allowance of Lm950 to be paid at the end of each four-weekly payroll period".*

Jidher li hemm dizgwid dwar is-sinifikat ta' tali klawsola u dan jidher li sehh minhabba l-mod xejn car li giet formulata u l-kliem uzat li din il-Qorti thoss li mhux car meta l-klawsola tittiehed fl-intier taghha kif fil-fatt ghandha tittiehed. Dan ghaliex jidher li fl-ewwel parti t-*transport allowance* hija indikata fis-sena waqt li min-naha l-ohra l-*fuel allowance* hemm indikata mhux hekk kwalifikata, izda min-naha l-ohra jidher li z-zewgt *allowances* jithallsu, u fil-fatt thallsu ma' kull pagament li jsir tal-paga *(payroll)* kull erba' gimghat.

Ghalhekk l-atturi qed isostnu li l-*fuel allowance* li giet miftiehma u ghandha tithallas hija dik ta' Lm960 kull erba' gimghat mentri n-naha l-ohra qed isostni li l-*fuel allowance* kienet ta' Lm960 fis-sens (bhala ma hija t-*transport allowance),* u din kellha tithallas b'rata ta' pagament kull erba' gimghat, kif fil-fatt tithallas il-*fuel allowance.*

Illi fl-ewwel lok jigi kkonfermat dak li nghad fis-sentenza **"Anton Spiteri vs Alfred Borg"** (P.A. (RCP) - 30 ta' Novembru 2000) fejn fuq is-suggett ta' interpretazzjoni ta' kuntratt inghad li *"ghalhekk hawn japplika l-principju stabbilit fl-**artikolu 1002 tal-Kap 12**, fejn meta il-kliem ta' konvenzjoni mehud fis-sens skont l-uzu tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ta' interpretazzjoni, ghaliex tali interpretazzjoni, anke supplita minn xhieda, tista' tinghata biss sabiex telucida l-iskrittura jew il-kuntratt f'xi patt incidentali jew accessorju taghha"* **("Carmela Borg vs Bartolomeo Xuereb" -** A. C. 30 ta' Marzu 1997); **"Joseph Naudi Montalto nomine vs Joseph G. Pace nomine"** (A.C. – 18 ta' Settembru 2009).

Illi fis-sentenza **"Emmanuel Avallone vs Centru Speranza fl-Inkapacitati"** (P.A. (RCP) – 28 ta' Frar 2002) inghad li dan huwa wkoll konformi mal-principju *'contra scriptum non est argumentum',* li jibqa' japplika sakemm ma tingiebx prova li tali skrittura hija nieqsa minn xi element kostituttiv taghha.

Illi dan gie segwit fis-sentenza **"Bartolomeo Micallef vs JCR Limited"** (P.A. (RCP) – 29 ta' Jannar 2009) fejn inghad li la darba *"minn qari tal-istess kuntratt jirrizulta car li l-kliem tal-istess ftehim jindikaw b'mod preciz x'kienet l-intenzjoni tal-partijiet u dan kien li jigi trasferit bhala korp il-hanut hemm indikat, b'mod li ma hemm bzonn ta' ebda interpretazzjoni (***artikolu 1002) "Avukat Dottor Joselle Farrugia vs Dr. Pascal Demajo et nomine"** *(P.A. (PS) - 0 9 ta' Dicembru 2002)"* mela allura ghandu jigi ritenut li l-intenzjoni tal-partijiet hija manifestata b'dak li jipprovdi b'mod car l-istess kuntratt u ma ghandu jkun hemm ebda lok ta' interpretazzzjoni.

Illi fis-sentenza **"John Spiteri et vs Popeye Investments Limited"** (A.C. – 3 ta' Novembru 2006) inghad illi li kif *"ravvizat fis-sentenza fl-ismijiet* ***Elena Micallef v. E. Ciantar*** *(Vol.X.345) deciza fit-3 ta' Jannar 1884 "quando sorgono difficolta' sulla intelligenza delle condizione di un contratto e sulle conseguenze, la legge forinisce alcune norme indicattive e dimonstrative e criteri diretti come mezzi d'interpretazione, senza vincolare la liberta; del giudicante, tenuta a prendere in calcolo le circostanze speciali in ciascun caso".*

*"Hawhekk opportun li jigu ribaditi certi principji regolanti materji ta' kuntratti –*

*i) F'materja kontrattwali l-ftehim hu ligi ghall-partijiet kontraenti (Art. 992 (1) Kodici Civili;* ***Carmelo Bajada noe v. Fr. S. Cachia et noe*** *(A.K. deciz 16 ta' Lulju 1973);*

*ii) Ir-regola fundamentali hija dettata mill-Artikolu 1002 tal-Kodici Civili li jghid li meta l-kliem tal-kuntratt mehud fis-sens li ghandu skont l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car*

*m'hemmx lok ghall interpretazzjoni (Vol.XXXIV.i.p27). L-interpretazzjoni ghandha tittiehed mill-atti innifsu u mhux minn provi estraneji , specjalment meta l-interpretazzjoni hija relattiva ghall-kwistjoni principali".*

*iii) Illi meta s-sens letterali tal-kelma ma jaqbilx ma' l-intenzjoni tal-partijiet kontraenti kif tidher car mill-pattijiet mehudin flimkien, ghandha tipprevali l-intenzjoni. Dwar dan din il-Qorti, diversament presjeduta, spjegat illi "din ir-regola ghandha tigi sewwa apprezzata u applikata. Irid jirrizulta bla dubju li s-sens tal-kwalsola li tkun jista' biss jigi nterpretat b'mod univoko ghax hu car. Irid jirrizulta wkoll li dan is-sens car tal-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li kellhom f'mohhom il-partijiet kollha u mhux ma' dak biss li xi wahda mill-partijiet kellha f'rasha u dan irid jidher mill-pattijiet kollha tal-kuntratt mehudin flimkien* ***("J. Bartolo et v. A. Petroni*** *deciza 7 ta' Ottubru 1997")".*

*iv) Fl-applikazzjoni tar-regoli ta' interpretazzjoni mhux l-interpretazzjoni tal-kontendenti ghall kliem tal-ftehim jew is-sens divers li huma jaghtu lill-kliem li jiswa imma dak li huwa importanti "hu l-qari oggettiv tal-gudikant li jaghti lill-kliem is-sens ordinarju tieghu fil-kuntest ta' kif gie uzat mill-kontraenti li ghandu jorbot (****J. Zammit v. Michael Zammit Tabone et noe*** *– Appell Superjuri deciz 28 ta' Frar 1997).*

Illi dan jikkonferma dak li nghad fis-sentenza **"Emanuel Cauchi et vs BCF Holdings Limited et"** (P.A. (RCP) – 28 ta' Gunju 2006) fis-sens *"li bl-aktar mod esplicitu gie ritenut li "l-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. "Pacta sunt servanda". (A.C. 5 ta' Ottubru, 1998 – "****Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines")****".*

Illi hekk ukoll fis-sentenza **"Gemma Fenech vs John Bugeja"** (A.I.C. (PS) – 20 ta' Ottubru 2003) inghad li:-

*"Tajjeb li jigi osservat ukoll qabl kull konsiderazzjoni tal-meritu illi huwa pacifiku f'materja ta' interpretazzjoni ta' kuntratti illi meta d-dicitura tal-kuntratt hija wahda cara allua ma huwiex lecitu ghall-Qorti li tittanta tinterpretah billi tindahal x'kienet il-motivazzjoni tal-kontraenti meta kkonkludew il-ftehim. Dan jinsab rispekkjat ukoll fl-Artikolu 1002 tal-Kap. 16".*

*"Illi imbaghad ferm assodat bhala principju ta' interpretazzjoni illi "contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non aufetur". Dan fis-sens illi mhux ammess illi provi orali jfissru dak li fih innifsu huwa diga car ("***Joseph Gatt vs Joseph Galea",** *Appell Civili, 14 ta' April 1975) u l-kontraenti ma jkunux jistghu jipprovaw permezz ta' testimoni dak li ma jirrizultax, jew jirrizulta eskluz, mill-istess kuntratt (***Vol. XXXIX.iii.p855** *u r-rassenja ta' gurisprudenza f'din is-sentenza kontemplata".*

Illi ghalhekk skont is-sentenza fl-ismijiet **"Lay Lay Company Limited vs L-Ghajn Construction Company Limited"** (A.I.C. (RCP) – 28 ta' Gunju 2011) l-ewwel haga li trid issir hija li wiehed jezamina d-dicitura ta' din il-klawsola u tara jekk hiex cara u din il-Qorti thoss li minn qari tal-istess klawsola jirrizulta, li kuntrarjament ghal dak li qed isostnu l-atturi tali klawsola mhux cara fis-sinifikat taghha ghaliex ghandha zewg figuri bhala *allowance* wahda ghat-trasport u din specifikata li hija ffisata bhala ammont stabbilit annwalment, mentri hemm figura ohra indikata bhala *fuel allowance* li ma ghandhiex indikat ghal-liema perjodu giet iffissata, izda mbaghad iz-zewg *allowances* huma ndikati li ghandhom jithallsu kull erba' gimghat, u f'dan il-kuntest ma hemm ebda dubju li l-pagamenti hekk kellhom isiru u hekk saru.

Dan l-istat ta' fatt fejn allura din il-klawsola mhux car x'wassal sabiex illum il-partijiet qed jaghtu interpretazzjoni differenti ta' dak li tfisser din il-klawsola, fejn l-atturi qed isostnu li l-*fuel allowance* li giet miftiehma u ghandha tithallas hija dik ta' Lm960 kull erba' gimghat, mentri n-naha l-ohra qed issostni li l-*fuel allowance* kienet ta' Lm960 fis-sens (bhal ma hija t-*transport allowance*), u din

kellha tithallas b'rata ta' pagament kull erba' gimghat, kif fil-fatt tithallas il-*fuel allowance*.

Min-naha l-ohra l-konvenuti qed isostnu li l-ftehim kien li l-*fuel allowance* kienet bhal dik tat-*transport allowance* miftehma ghall-perjodu ta' sena u l-hlas taz-zewgt *allowances* kellu jkun kull erba' gimghat, u fil-fatt hekk sar u din kienet l-intenzjoni taz-zewg partijiet li ffirmaw il-kuntratt u allura l-klawsola mertu tal-kawza odjerna.

Kif inghad fis-sentenza **"Leanne Degabriele vs EMM Enterprises Limited"** (P.A. (RCP) – 31 ta' Mejju 2007) 'F'materja ta' kuntratt huwa principju generali li meta l-kuntratt huwa car fih innifsu ma hemmx lok ta' interpretazzjoni. Hekk fis-sentenza **"General Cleaners Company Limited vs Attorney General et"** (P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001 li *"l-Qrati jkunu obbligati jinterpretaw il-konvenzjoni meta f'kuntratt il-partijiet ma jkunux spjegaw ruhhom car jew posterjorment ghall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bhala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx giet preveduta u li kien hemm bzonn li tigi maqtugha, u din ghandha tigi primarjament interpretata skont l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu hadu parti fil-kuntratt u li tkun tidher car mill-kumpless tal-konvenzjonijiet*" (Vol. XXIV, P. I., p.27) (ikkwotata fis-sentenza **"Beacom vs Spiteri Staines"** – ibid; **"Suzanne Xuereb vs Gilbert Terreni" –** P.A. RCP. 12 ta' Lulju 2001; **"Anton Spiteri vs Alfred Borg"** – P.A. RCP. 30 ta' Novembru 2000; **"Emanuel Schembri vs Leonard Ellul" –** P.A. RCP 30 t'Ottubru 2001).

Illi ghalhekk jirrizulta, u din hi anke *r-ratio* tal-ligi, (**art. 1004 tal-Kodici Civili**) illi l-interpretazzjoni li trid tinghata, meta klawsola tista' tfisser haga u ohra, din ghandha tinftiehem dik il-haga li biha jista' jkun hemm xi effetti milli dik il-haga li biha ma seta' jkun hemm ebda effett. Dispozizzjoni li tirrifletti l-principju *"in dubiis interpretatio capienda est, ut dispositio potius valeat quam pereat".*

Illi korrolarju ta' dawn il-principji hija wkoll li l-istess kuntratti bejn il-partijiet ghandhom jigu esegwiti *in bona fede* u l-konsegwenza ta' kull ftehim ghalhekk hija li l-

obbligazzjonijiet iridu jiftehmu li jaghmlu sens (jekk jista' jkun bwon sens) u l-kuntratti ghandhom ikunu nterpretati *in bona fede* **("Carmelo Mifsud vs Joseph Spiteri et"** - P.A. (WG) 30 ta' April 1987); **"Chris Cachia & Associates Limited vs Damian u Roseanne konjugi Formosa"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002); **"Clementino Caruana et vs Emanuela Agius"** (A.I.C. (PS) – 22 ta' Novembru 2002).

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami din il-Qorti thoss li l-intenzjoni tal-partijiet f'dan il-klawsola kienet li jkun hemm *allowance* ta' Lm960 fis-sena u din pagabbli kull erba' gimghat; dan ghaliex jidher car li l-ewwel *allowance* dik ta' trasport kienet pattwita fis-sena, u hekk kien il-ftehim ukoll dwar it-tieni *allowance*, li hija l-*fuel allowance*, u t-terminu ta' erba' gimghat specifikat fl-istess klawsola, kien qed jirreferi ghall-mod kif iz-zewg *allowances* kellhom jithallsu, u mhux sabiex tigi stabbilita' l-*fuel allowance*. Altrimenti jkun ifisser li l-istess klawsola ma kinitx tipprovdi ghal kif tithallas it-transport *allowance*. Fil-verita' dik kienet il-mod miftiehem kif tali hlas taz-zewgt *allowances* kellu jsir u fil-fatt sar u gie ricevut minn kull wiehed mill-atturi f'din il-kawza.

Dwar l-intenzjoni tal-partijiet f'dan is-sens min-naha tal-konvenuti hemm ix-xhieda ta' John Aquilina, Kap Esekuttiv tal-Management Efficiency Unit fl-Ufficcju tal-Prim Ministru, ta' Paul Zahra, Segretarju Permanenti (Policy) fl-Ufficcju tal-Prim Ministru, Godwin Grima, Segretarju Permanenti Ewlieni fl-Ufficcju tal-Prim Ministru u fuq kollox il-Memorandum Intern datat 18 ta' Settembru 2006 li jindika r-rata ta' *fuel allowance* li f'kaz ta' konsulenti kienet dik ta' Lm950 fis-sena.

Ma dan jinghad li kull *allowance* li hemm fl-istess tip ta' kuntratti hija ffisata bhala rata fis-sena u hawn issir riferenza ghal dak li nghad fuq dan l-punt ghas-sottomissjonijiet li saru mid-Direttur Generali Public Administration Human Resource Office fl-ufficcju tal-Prim Ministru u din il-Qorti taqbel ma' dak hemm sottomess biss in kwantu konsistenti ma' dak hawn deciz.

Min-naha l-ohra jidher li l-atturi qed jibbazzaw l-interpretazzjoni taghhom l-ewwel fuq l-allegazzjoni li l-kliem fl-istess klawsola huma cara fihom infushom u ghalhekk ma hemm ebda lok ta' interpretazzjoni u dan kif stipulat fl-**artikolu 1002 tal-Kap. 16.** Dan izda mhuwiex minnu, tant li din il-Qorti thoss li d-*drafting* u l-kliem uzat fl-istess klawsola huwa ambigwu u ma huwiex car li wiehed jifhem l-intenzjoni tal-partijiet, u fil-fatt din il-Qorti spjegat dan kollu. Veru li f'dan il-livell tali nuqqas car ta' *drafting* qatt ma kellu jkun, izda l-fatt huwa li hekk sar u ghalhekk hemm zewgt interpretazzjonijiet min-naha taz-zewg partijiet.

Dwar il-mod kif din il-klawsola waslet sabiex tigi redatta fejn qed jigi allegat li l-atturi tilfu numru ta' beneficcji li skont huma gew ikkompensati b'din ir-rata ferm gholja ta' *fuel allowance* pretiza minnhom, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, dan l-argument lanqas ireggi, iktar u iktar meta wiehed jikkonsidra li l-Gvern kien ghaddej, kif allura jaccettaw l-atturi, minn process ta' regolarizzazzjoni u ristrutturazzjoni. Ma dan jizdiedu jinghad li hemm qabza kbira bejn il-*fuel allowance* pretiza mill-atturi, u t-*transport allowance* u wkoll il-paga taghhom, b'dan li kif jippretendu l-atturi jkun ifisser li l-*fuel allowance* taghhom tkun ta' cirka Lm12,480 fis-sena meta f'dak iz-zmien l-attur David Camilleri kellu paga ta' Lm12,431 fis-sena li mbghad zdiedet ghal Lm13,950, mentri Ian Camilleri kellhu Lm14,041 (li zdiedet ghal Lm15,160), ta' Robert Mifsud kienet Lm12,858 (u zdiedet ghal Lm13,950), u Marika Tonna kellha Lm14,251 (li telghet ghal Lm15,190) fis-sena.

Certament li anke minn din l-optika l-vantazzjoni *da parte* tal-atturi hija rragjonevoli, fl-ahjar ipotesi mhux verosimili, u lanqas kredibbli, u dan jinghad minn kull aspett fic-cirkostanzi hawn spjegati u f'ohrajn indikati fin-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenut datata 6 ta' Awwissu 2012.

Din l-interpretazzjoni ta' din il-Qorti qed tinghata wkoll fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz ix-xhieda moghtija, il-memo's ezistenti, l-intenzjoni tal-partijiet u wkoll fid-dawl tal-kuncett li l-interpretazzjoni tal-kuntratti u

l-esekuzzjoni taghhom ghandha dejjem issir fuq il-binarju tal-*bona fede*. Mhux l-inqas id-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat stess fosthom dak li per ezempju jinsab a fol. 60 tal-process u d-dokumenti esebiti bhala Dok. “OPM 1” (fol. 114) annessi mar-risposta guramentata tal-intimat, u l-Annex 01 sa Annex 05 (fol. 248 sa fol. 255), fost diversi dokumenti ohra.

Ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu michuda.

Dwar il-kontro-talba, anke *in vista’* ta’ dak deciz, l-istess talbiet hemm kontenuti ma jreggux ghaliex inghatat interpretazzjoni tal-istess klawsola skont kif il-Qorti hasset li ftehmu u kienet l-intenzjoni tal-partijiet. Ghalhekk lanqas biss ticcentra bl-ebda mod la legali u lanqas fattwali t-talbiet u l-premessi kif imposti fil-kontro-talba u ghalhekk tali talbiet fil-kontro-talba qed jigu michuda.

Dan apparti li minhabba dak deciz in relazzjoni tal-kawza attrici ifisser li tali talbiet kif formulati mill-konvenut gew resi bhala sorvolati minhabba l-interpretazzjoni hawn moghtija.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ghal dik li hija l-kawza attrici, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa r-risposta guramentata tal-intimat datata 13 ta’ Settembru 2010 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma’ dak hawn deciz, **tichad it-talbiet attrici ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.**

Bl-ispejjez tal-kawza attrici kontra l-atturi.

Illi ghal motivi ndikati f’din is-sentenza, din il-Qorti ghal dik li hija l-kontro-talba tal-intimat, **taqta’ u tiddeciedi, billi tichad it-talbiet tal-intimat fil-kontro-talba tieghu ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.**

Bl-ispejjez tal-kontro-talba a karigu tal-intimat.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------